# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207




## PELLEGRINAĠĠ GĦAL TA' PINU

Fl-okkażjoni tal-400 sena tal-Kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu u tas-Sena Djoċesana Marjana, il-Parroċċa tagħna se tagħmel Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, lejlet il-Festa tas-Sejħa. Il-programm huwa dan:

**7.00pm:** Quddiesa votiva tal-Madonna fil-Bażilika.
**7.45pm:** Pellegrinaġġ parrokkjali mill-Bażilika ta' San Ġorġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu.
**9.00pm:** Att ta' Affidament tal-Parroċċa lill-Madonna Ta' Pinu u Barka Sagramentali.

*Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ iżda mhumiex f'kundizzjoni li jagħmlu t-triq kollha, jistgħu jagħmlu użu mit-trasport li se toffri l-Parroċċa fit-8.15pm minn Pjazza Santu Wistin għal ħdejn il-Monument tal-Pellegrin u, għaldaqstant, huma ġentilment mitluba jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali. Lura lejn ir-Rabat ikun hemm ukoll trasport ipprovdut għal kulħadd.*

## FESTA TAL-KORPUS



Il-Ħadd 23 ta' Ġunju niċċelebraw is-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa ta' Ġesù. Għalhekk nixtiequ nistednukom għall-quddiesa tas-6.00pm u wara għal purċissjoni qasira bis-Sagrament fit-toroq madwar il-Bażilika li tintemm bil-Barka Sagramentali. Dakinhar il-quddiesa tal-aħħar tkun fis-7.15pm u mhux fis-7.00pm.

## Il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ



**Is-Sitt Ħamis:** 20 ta' Ġunju
**Xħin:** Fis-7.00pm
**Għal min se nitolbu?**
Kulħadd hu mistieden, u se nitolbu għar-residenti tat-toroq: Pompei, San Duminku, 8 ta' Diċembru, Wistin Camilleri, Sir Pawlu Boffa, Ġużè Cremona u 31 ta' Marzu.

***Innutaw li għal din il-ġimgħa biss il-Ħamisijiet se jkunu fis-7.00pm***

## PROĠETTI 2019-2020

Din is-sena hi waħda ta' sfida għall-Parroċċa tagħna. Dan għaliex qed nippjanaw li nagħmlu għadd ta' proġetti bżonnjużi kemm pastorali u kemm ta' restawr:

- **studjows ġodda tar-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria***
- **websajt ġdida**
- ***loop system*** għal dawk b'diffikultà fis-smigħ
- **AED** *(Automated External Defibrillator)* li tintuża bħala l-ewwel għajnuna għal min tiqaflu qalbu
- **restawr ta' żewġ linef antiki**
- **akkwist ta' proprjetà** biex fiha jsir grawnd żgħir għall-użu fil-ħidma pastorali
- **restawr tal-Koppla minn barra u minn ġewwa**
- **restawr tal-pitturi laterali tal-Kor ta' Francesco V. Zahra u l-gwarniċi tagħhom**
- **restawr tal-faċċata tal-Bażilika** li sa jkun jinkludi wkoll **ir-restawr tal-qniepen** u **sistemi ġodda tad-dawl**.

Hu veru li din is-sena ltaqgħu ħafna proġetti flimkien, iżda dan irridu narawh ukoll bħala servizz kbir tal-Parroċċa tagħna lill-Knisja f'Għawdex li taqdi lil tant persuni li, għalkemm mhumiex parruċċani, iħossuhom komdi jersqu lejn Alla permezz tas-servizz tagħna.

Għaldaqstant, minbarra l-għajnuniet mill-UE kif ukoll minn Eko-Għawdex, il-Parroċċa għandha bżonn tilħaq is-somma ta' **€95,000** biex inkunu nistgħu nkopru l-ispejjeż kollha. Naf li kulħadd għandu l-ispejjeż tiegħu, iżda San Ġorġ hu d-dar tagħna! **Jien fiduċjuż li bis-sagrifiċċju ta' kulħadd nistgħu naslu. *San Ġorġ iberikkom.***



## IL-FESTA TAGĦNA: Kunu ġenerużi!

Tajt is-sehem tiegħek fil-Ġabra biex ikollna Festa fil-Bażilika li tassew tixraq lil San Ġorġ? Għaddi l-offerta lil Dun Feliċ. Grazzi!

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 16-06-2019 | Wiġu u Maria Gatt |
| 17-06-2019 | Ġorġ u Mikelina Fenech |
| 18-06-2019 | Leli, Joe, Maria u Ġużeppa Attard |
| 19-06-2019 | Ġorġa u l-Familja Farrugia |
| 20-06-2019 | Mons. Ġorġ, Pawla, Manwela u Ġużeppi Grima |
| 21-06-2019 | Ġiġi u Liberata Gauci |
| 22-06-2019 | Familja Abela – Agius |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM